


# Pellegrinaġġi Franġiskani 2023






## Art Imqaddsa  Ġordanja  Assisi  Sinai




# L-Art Imqaddsa

**L-Ewwel Jum:**
Niltaqgħu l-airport* minn fejn nitilqu għal Tel Aviv.

** Dettalji tal-ħinijiet jingħataw waqt il-laqgħa li ssir qabel it-tluq.*

**It-Tieni Jum:**
Breakfast. Żjara fil-Bażilika tal-Madonna. Quddiesa, inżuru d-dar ta' San Ġużepp f'Nazaret. Żjara lill-Mużew Arkeoloġiku tal-Franġiskani. Pranzu. Tluq lejn il-Muntanja Tabor fejn nikkontemplaw it-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù – Mument ta' talb. Nitilqu lejn il-Karmelu biex inżuru is-Santwarju ta' Stella Maris. Wara lura lejn **Nazaret**. Ċena.

**It-Tielet Jum:**
Breakfast. Tluq għal Kafarnahum. Quddiesa fil-Memorjal ta' San Pietru u żjara f'Kafarnahum, il-belt ta' Ġesù. Nitilgħu fuq l-Għolja tal-Bejatitudnijiet u nżuru is-Santwarju. Inżuru Tabgha: is-Santwarju tat-Tkattir tal-Ħobż, Santwarju tal-Primat ta' San Pietru u. Naqsmu l-Baħar tal-Galilija. Pranzu. Inżuru Magdala. Żjara lis-Santwarju ta' Kana fil-Galilja. Tiġdid tal-Wegħdiet taż-Żwieġ. Lura lejn **Nazaret** u Ċena.

**Ir-Raba' Jum:**
Breakfast. Tluq minn Nazaret, ngħaddu mill-Wied tal-Ġordan. Immorru Qasr el Yahud. Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija. Inżuru l-Muntanja tal-Kwarantena, il-belt ta' Ġeriko, Qumran u l-Baħar il-Mejjet. Waqfa għal għawma. Pranzu. Nitilgħu lejn Ġerusalemm. Naqsmu d-Deżert ta' Ġuda. Quddiesa fis-Santwarju ta' Betanja, ir-raħal ta' Lazzru, Marta u Marija. Lejn il-lukanda f'**Betleħem**. Ċena.

**L-Ħames Jum:**
Breakfast. Niċċelebraw il-quddiesa tal-Milied f'Betleħem. Żjara fil-Bażilika tan-Nativitá u lis-Santwarju tal-Grotta tal-Ħalib. Pranzu f'Betleħem. Żjara lis-Santwarju tar-Ragħajja. Tluq għall-Għajn Karem. Żjara fis-Santwarju tat-Twelid ta' San Ġwann Battista u fis-Santwarju tal-Viżitazzjoni. Lejn il-lukanda f'**Betleħem**. Ċena.

**Is-Sitt Jum:**
Breakfast. Tluq għas-Santwarju ta' Betfaġe. Nitilgħu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, inzuru l-Axxensjoni, Pater Noster, Dominus Flevit u l-Bażilika tal-Ġetsemani. Wara żjara fil-Grotta tal-Appostli u l-Qabar tal-Madonna. Pranzu. Żjara liċ-Ċenaklu fuq







il-Għolja Sijon, Santwarju tad-Dormizzjoni tal-Madonna. Quddiesa fiċ-Ċenakolino. Kwartier Armen, Ċittadella u Bieb ta' Ġaffa. Ċena. Filgħaxija Ora Santa fil-Bażilika tal-Ġetsemani. Lura lejn il-lukanda f'**Ġerusalemm**.

**Is-Seba' Jum:**
Breakfast. Żjara fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Għid. Kwartier Lhudi u il-Ħajt tal-Bikkejja, Santwarju ta' Sant'Anna, Santwarju tal-Flaġellazzjoni u l-Kundanna. Pranzu. Wara nofsinhar *free time*. Ċena fil-lukanda f'**Ġerusalemm**.

**L-Aħħar Jum:**
Tluq minn Tel Aviv għal Malta*

** Dettalji tal-ħinijiet jingħataw waqt il-laqgħa li ssir qabel it-tluq.*



## IL-PELLEGRINAĠĠ *
## *Prezz: €1,600*
## *Single Supplement: €260*

### Il-prezz jinkludi fih kollox:

- Il-pellegrinaġġ *full-board*
- L-*insurance* • It-*tips*
- It-trasport, b'*coach* dejjem magħna
- Border tax • Il-*badge*
- Il-ktieb tat-talb għall-Pellegrinaġġ
- u fuq kollox Patri Franġiskan Malti li għex fl-Art Imqaddsa li jmexxi l-Pellegrinaġġ bħala Gwida u bħala Animatur Spiritwali.

** Termini u kundizzjonijiet japplikaw*



### Dati
20 - 27 ta' Mejju
24 ta' Ġunju - 1 ta' Lulju
19 - 26 ta' Awwissu
9 - 16 ta' Settembru

# L-Art Imqaddsa u Ġordanja

**L-Ewwel Jum:**
Niltaqgħu l-airport* minn fejn nitilqu għal Tel Aviv.

** Dettalji tal-ħinijiet jingħataw waqt il-laqgħa li ssir qabel it-tluq.*

**It-Tieni Jum:**
Breakfast. Żjara fil-Bażilika tal-Madonna. Quddiesa, inżuru d-dar ta' San Ġużepp f'Nazaret. Żjara lill-Mużew Arkeoloġiku tal-Franġiskani. Pranzu. Tluq lejn il-Muntanja Tabor fejn nikkontemplaw it-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù – Mument ta' talb. Nitilqu lejn il-Karmelu biex inżuru is-Santwarju ta' Stella Maris. Wara lura lejn **Nazaret**. Ċena.

**It-Tielet Jum:**
Breakfast. Tluq għal Kafarnahum. Quddiesa fil-Memorjal ta' San Pietru u żjara f'Kafarnahum, il-belt ta' Ġesù. Nitilgħu fuq l-Għolja tal-Bejatitudnijiet u nżuru is-Santwarju. Inżuru Tabgha: is-Santwarju tat-Tkattir tal-Ħobż, Santwarju tal-Primat ta' San Pietru u. Naqsmu l-Baħar tal-Galilija. Pranzu. Inżuru Magdala. Żjara lis-Santwarju ta' Kana fil-Galilja. Tiġdid tal-Wegħdiet taż-Żwieġ. Lura lejn **Nazaret** u Ċena.

**Ir-Raba' Jum:**
Breakfast. Nitilqu lejn il-fruntiera tat-Tramuntana, naqsmu l-fruntiera u nidħlu fil-Ġordanja. Inżuru Jerash belt Rumana tad-*Decapoli*. Pranzu. Nibdew triqtna lejn Petra. Fi triqtna nżuru l-Għolja Nebo fejn ikollna quddiesa. Ngħaddu mid-deżert ta' Wadi Mousa qabel ma ninżlu **Petra**. Ċena.

**Il-Ħames Jum:**
Breakfast. Nidħlu fil-belt Nabateja ta' Petra. Inżuru l-monumenti prinċipali tal-belt; it-Teżor tal-Faragħun *Khazneh Far'on*, bini mnaqqax mill-blat kulur roża, l-oqbra Korinzi eċċ. Petra ġiet deskritta minn John William Burgon, Biblista tad-dsatax-il seklu bħala, *A rosered city half as old as Time*. Pranzu. Nitilqu lejn Amman. Fi triqitna nżuru Madaba, il-belt prinċipali fin-nofsinhar tal-Ġordanja, inżuru l-Knisja ta' San Ġorġ fejn naraw l-eqdem mappa tal-Art Imqaddsa maħduma bil-mużajk. Naslu **Amman**. Ċena.

**Is-Sitt Jum:**
Breakfast. Nitilqu lejn il-fruntiera, inżuru s-sit tal-Magħmudija fil-Wadi al Kharar. Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija. Naqsmu l-fruntiera lejn Israel mill-pont ta' Allenby. Pranzu. Inżuru Ġeriko u l-Muntanja tal-Kwarantena. Quddiesa fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb  Lejn il-lukanda f' **Ġeriko.** Ċena.

**Is-Seba' Jum:**
Breakfast. Tluq minn Ġeriko. Inżuru l-fortizza ta' Masada. Lejn Qumran u l-Baħar il-Mejjet. Waqfa għal għawma. Pranzu. Nitilgħu lejn Ġerusalemm. Naqsmu d-Deżert ta' Ġuda. Quddiesa fis-Santwarju ta' Betanja, ir-raħal





ta' Lazzru, Marta u Marija. Lejn il-lukanda f'**Betleħem**. Ċena.

**It-Tmien Jum:**
Breakfast. Niċċelebraw il-quddiesa tal-Milied f'Betleħem. Żjara fil-Bażilika tan-Natività u lis-Santwarju tal-Grotta tal-Ħalib. Pranzu. Żjara lis-Santwarju tar-Ragħajja. Tluq għal Għajn Karem. Żjara fis-Santwarju tat-Twelid ta' San Ġwann Battista u fis-Santwarju tal-Viżitazzjoni. Lura lejn il-lukanda f'**Betleħem**. Ċena.

**Id-Disa' Jum:**
Breakfast. Tluq għas-Santwarju ta' Betfaġe. Nitilgħu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, inzuru l-Axxensjoni, Pater Noster, Dominus Flevit u l-Bażilika tal-Ġetsemani. Wara żjara fil-Grotta tal-Appostli u l-Qabar tal-Madonna. Pranzu. Żjara liċ-Ċenaklu fuq il-Għolja Sijon, Santwarju tad-Dormizzjoni tal-Madonna. Quddiesa fiċ-Ċenakolino. Inżuru l-Kwartier Lhudi u il-Ħajt tal-Bikkejja. Ċena. Filgħaxija Ora Santa fil-Bażilika tal-Ġetsemani. Lura lejn il-lukanda f'**Ġerusalemm**.

**L-Għaxar Jum:**
Breakfast. Żjara fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Għid. Inżuru is-Santwarju ta' Sant'Anna, Santwarju tal-Flaġellazzjoni u l-Kundanna. Issir il-*Via Dolorosa*. Pranzu. Wara nofsinhar *free time*. Ċena fil-lukanda f'**Ġerusalemm**.

**L-Aħħar Jum:**
Tluq minn Tel Aviv għal Malta*

** Dettalji tal-ħinijiet jingħataw waqt il-laqgħa li ssir qabel it-tluq.*

## IL-PELLEGRINAĠĠ *

***Prezz: €2,320***

***Single Supplement: €420***

**Il-prezz jinkludi fih kollox:**

- Il-pellegrinaġġ *full-board*
- L-*insurance* • It-*tips*
- It-trasport, b'*coach* dejjem magħna
- Border tax • Il-*badge*
- Il-ktieb tat-talb għall-Pellegrinaġġ
- u fuq kollox Patri Franġiskan Malti li għex fl-Art Imqaddsa li jmexxi l-Pellegrinaġġ bħala Gwida u bħala Animatur Spiritwali.

** Termini u kundizzjonijiet japplikaw*



**Data**

12 - 22 ta' April

# L-Art Imqaddsa u Sinai

**L-Ewwel Jum:**
Niltaqgħu l-airport* minn fejn nitilqu għal Tel Aviv. Minn hawn nitilqu lejn Nazaret.

** Dettalji tal-ħinijiet jingħataw waqt il-laqgħa li ssir qabel it-tluq.*

**It-Tieni Jum:**
Breakfast. Żjara fil-Bażilika tal-Madonna. Quddiesa, Inżuru d-dar ta' San Ġużepp f'Nazaret. Żjara lill-Mużew Arkejoloġiku tal-Franġiskani. Ikel. Tluq lejn il-Muntanja Tabor fejn nikkontemplaw it-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù - Mument ta' talb. Tluq lejn il-Karmelu wara lura lejn Nazaret. Ċena.

**It-Tielet Jum:**
Breakfast. Tluq għal Kafarnahum. Quddiesa fil-Memorjal ta' San Pietru u żjara f'Kafarnahum, il-belt ta' Ġesù. Nitilgħu fuq l-Għolja tal-Bejatitudnijiet u nżuru is-Santwarju. Inżuru Tabgha: is-Santwarju tat-Tkattir tal-Ħobż, Santwarju tal-Primat ta' San Pietru u naqsmu l-Baħar tal-Galilija. Pranzu. Inżuru Magdala. Żjara lis-Santwarju ta' Kana fil-Galilja. Tiġdid tal-Wegħdiet taż-Żwieġ. Lura lejn **Nazaret** u Ċena.

**Ir-Raba' Jum:**
Breakfast. Tluq minn Nazaret, ngħaddu mill-Wied tal-Ġordan. Immorru Qasr el Yahud. Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija. Inżuru l-Muntanja tal-Kwarantena, il-belt ta' Ġeriko, Qumran u l-Baħar il-Mejjet. Waqfa għal għawma. Pranzu. Nitilgħu lejn Ġerusalemm. Naqsmu d-Deżert ta' Ġuda. Quddiesa fis-Santwarju ta' Betanja, ir-raħal Lazzru, Marta u Marija .Lejn il-lukanda f'**Betleħem**. Ċena.

**Il-Ħames Jum:**
Breakfast. Niċċelebraw il-quddiesa tal-Milied f'Betleħem. Żjara fil-Bażilika tan-Natività u lis-Santwarju tal-Grotta tal-Ħalib. Żjara lis-Santwarju tar-Ragħajja. Tluq għall-Għajn Karem. Żjara fis-Santwarju tat-Twelid ta' San Ġwann Battista u fis-Santwarju tal-Viżitazzjoni. Ikel. Nitilgħu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, inzuru l-Axxensjoni, Pater Noster, Dominus Flevit u l-Bażilika tal-Ġetsemani. Wara żjara fil-Grotta tal-Appostli u l-Qabar tal-Madonna. Lura lejn il-lukanda. Ċena.

**Is-Sitt Jum:**
Breakfast. Quddiesa ġewwa Betfaġe. Tluq lejn il-Baħar l-Aħmar, Eilat. Ikel. Naqsmu l-fruntiera għas-Sinaj u tluq lejn Santa Katerina. Ċena.

**Is-Seba' Jum:**
Filgħodu kmieni ħafna, minn jixtieq, mall-gwida tal-post, titilgħu fuq il-muntanja Sinaj u taraw tlugħ ix-xemx. Wara tinżlu u nżuru l-monasteru ta' Santa. Katerina flimkien. Ikel u tluq lejn Eilat. Ċena.





**It-Tmien Jum:**
Breakfast. Inżuru Mażada u inkomplu lejn Ġerusalemm. Ikel. L-Għolja ta' Sijon, quddiesa fiċ-Ċenakolino. Żjara tal-Kwartier Lhudi fejn naraw il-ħajt tal-punent.Lejn il-Lukanda ġewwa Ġerusalemm. Ċena.

**Id-Disa' Jum:**
Breakfast. Żjara fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ta' l-Għid. Santwarju ta' Sant'Anna, Santwarju tal-Flaġellazzjoni u l-Kundanna. Ikel. Wara ħin liberu. Ċena fil-Lukanda. Filgħaxija Ora Santa fil-Bażilka tal-Ġetsemani. Lura lejn il-Lukanda ġewwa Ġerusalemm.

**L-Għaxar Jum:**
Breakfast. Żjara f'Għemmaws el Qubeibeh, fejn ikollna Quddiesa. Ikel. Purċissjoni mal-Franġiskani fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu – Meditazzjoni fuq il-Passjoni, Mewt u Qawmien tal-Mulej. Ċena fil-kukanda Ġerusalemm.

**L-Aħħar Jum:**
Tluq minn Tel Aviv għal Malta*

** Dettalji tal-ħinijiet jingħataw waqt il-laqgħa li ssir qabel it-tluq.*

## IL-PELLEGRINAĠĠ *
## *Prezz: €2,200*
## *Single Supplement: €435*

### Il-prezz jinkludi fih kollox:

- Il-pellegrinaġġ *full-board*
- L-*insurance* • It-*tips*
- It-trasport, b'*coach* dejjem magħna
- Border tax • Il-*badge*
- Il-ktieb tat-talb għall-Pellegrinaġġ
- u fuq kollox Patri Franġiskan Malti li għex fl-Art Imqaddsa li jmexxi l-Pellegrinaġġ bħala Gwida u bħala Animatur Spiritwali.

** Termini u kundizzjonijiet japplikaw*





### Data
8 - 18 ta' Novembru

# Assisi

**L-Ewwel Jum:**
*Check-in* fl-ajruport, minn fejn intiru għal Ruma Fiumicino. Nivvjaġġaw bil-coach direttament lejn Assisi. Malli naslu fil-hotel, ikollna pranzu u sistemazzjoni. Wara nofsinhar niċċelebraw quddiesa fil-Bażilika ta' Santa Marija tal-Anġli (Porziuncola). Żjara lis-Santwarju tal-Porziuncola. Ċena fil-hotel. Rużarju u Purċissjoni fil-Bażilika tal-Porziuncola.

**It-Tieni Jum:**
Quddiesa. Breakfast. Inżuru Assisi, il-Kattidral ta' San Rufino, id-Djar ta' San Franġisk u Santa Klara. Ikel f'Assisi. Wara nofs in-nhar inżuru l-Bażilika ta' San Franġisk u il-Monasteru ta' San Pietru. Ċena fil-hotel u ħin liberu.

**It-Tielet Jum:**
Quddiesa fil-kappella tal-Porziuncola. Breakfast. Inżuru l-Eremo delle Carceri fuq il-Monte Subasio, u s-Santwarju ta' San Damiano, l-ewwel monasteru tal-Klarissi. Ikel f'Assisi. Wara nofs in-nhar inżuru l-Bażilika ta' Santa Klara, Monte Subasio, Spello u Rivo Torto. Ċena fil-hotel u ħin liberu.

**Ir-Raba' Jum:**
Breakfast. Nitilqu lejn il-Valle Reatina. Inżuru Greccio fejn S. Franġisk għamel l-ewwel presepju. Quddiesa fis-Santwarju ta' Greccio u ikel fir-raħal ta' Greccio. Wara nofs in-nhar inżuru Fonte Colombo, fejn S. Franġisk kiteb ir-Regola u l-Cascata delle Marmore. Ċena fil-hotel u ħin liberu.

**Il-Ħames Jum:**
Breakfast. Nitilqu lejn il-Muntanja La Verna, fejn S. Franġisk irċieva l-pjagi. Quddiesa u żjara lis-Santwarju ta' La Verna. Ikel fir-restaurant tas-Santwarju. Wara nofs in-nhar nieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Istimmati mal-Patrijiet Franġiskani. Ċena fil-hotel u ħin liberu.

**Is-Sitt Jum:**
Breakfast. Inżuru Cascia. Quddiesa fil-Bażilika ta' S. Rita u żjara lis-santwarju u monasteru ta' S. Rita. Ikel. Wara nofs in-nhar inżuru Rocca Porena, ir-raħal li fih twieldet u għexet S. Rita. Waqfa Colle Strada Plaza. Ċena fil-hotel u ħin liberu.

**Is-Seba' Jum:**
Breakfast. Tluq lejn Citta di Castello. Żjara u quddiesa fil-Monasteru tas-





Sorijiet Klarissi. Ikel. Żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Canoscio. Inżuru wkoll il-belt storika ta' Gubbio marbuta ma' San Franġisk t'Assisi u l-lupu. Lura lejn Assisi, ċena u ħin liberu.

**It-Tmien Jum:**
Breakfast. Tluq immeddjat lejn il-belt ta' Loreto, belt marbuta mal-Verġni Marija. Ikollna quddiesa u żjara lis-santwarju. Ikel u wara tluq lejn Assisi. Ħin ta' mistrieħ. Ċena fil-hotel u ħin liberu.

**Id-Disa' Jum:**
Quddiesa. Breakfast. Ħin liberu. Wara l-ikel nitilqu lejn l-ajruport ta' Fiumicino, fejn naqbdu t-titjira lejn Malta.





## IL-PELLEGRINAĠĠ *
***Prezz: €1,250***
***Single Supplement: €120***

**Jinkludi fih kollox:**

- Il-Pellegrinaġġ full-board, bl-ikel kollu
- Vjaġġ tal-ajru u taxxi tal-ajruport
- Trasport • Excursions kollha
- Patri Franġiskan Malti li jmexxi l-Pellegrinaġġ bħala Gwida u Animatur Spiritwali.

Il-parteċipanti jrid ikollhom *Travel Insurance* (mhux inkluża fil-prezz). Għal min irid, aħna nistgħu nipprovdu *Travel Insurance* ma' Gasan Mamo. Il-pellegrini jrridu jivverifikaw il-validità tal-Passaport jew I.D. u l-Health Card.

Telephone tal-Hotel Domus Pacis, Assisi: 0039 075 804353

**Għall-booking u dettalji dwar deposit ta' €200, ikkuntattja lil:**

Fr. Julian Sammut OFM
Patrijiet Franġiskani
15, Triq il-Porziuncola
Baħar iċ-Ċagħaq NXR 5072
Tel: 2122 1560 • Mob: 9989 7987
E-mail: samjul14@gmail.com

** Termini u kundizzjonijiet japplikaw*

## Data
23 ta' Settembru -
1 ta' Ottubru

# Kundizzjonijiet



1. Il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa jaċċetta li jagħmel *reservation* fuq sempliċi notifika permezz tat-telefon, *email* jew kwalunkwe tip ta' komunikazzjoni oħra. Din ir-*reservation* issir *booking* meta jitħallas id-depożitu. Għall-Pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa d-depożitu huwa ta' €500 (ħames mitt Ewro), għall-Pellegrinaġġi oħra, id-depożitu huwa ta' €350 (Tliet mija u ħamsin Ewro).
2. Id-depożitu jrid jitħallas sa mhux aktar tard minn 6 ġimgħat qabel id-data tat-tluq. Fil-każ li jkun hemm domanda qawwija għall-postijiet, il-Kummissarjat jirriżerva id-dritt li jitlob il-ħlas tad-depożitu qabel is-6 ġimgħat. Il-bilanċ irid jitħallas sa mhux aktar tard minn 4 ġimgħat mid-data tat-tluq. Il-ħlasijiet jistgħu jsiru permezz ta' ċekk personali, ċekk bankarju jew permezz ta' trasferiment permezz tal-internet.
3. Il-prezzijiet f'dan il-brochure huma validi fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu. Fl-eventwalità li l-prezzijiet tal-fornituri tagħna jiżdiedu, il-Kummissarjat jirriżerva id-dritt li jgħaddi dawn iż-żidiet lil pellegrini.

   **Iż-żidiet jistgħu ikunu minħabba:**
   a) Ċaqliq fil-kambju
   b) Żieda fit-taxxi – kemm f'Malta jew barra minn Malta
   ċ) *Fuel surcharge* tal-ajruplani
4. Il-Kummissarjat iżomm id-dritt li jikkanċella l-Pellegrinagg f'każ li n-numru ta' parteċipanti ma jintlaħaqx. Dan isir sa ġimagħtejn qabel id-data tat-tluq. Kull ħlas li jkun sar jingħata lura.
5. Il-prezzijiet tal-Pellegrinaġġi huma maħduma fuq bażi ta' tnejn minn nies f'kamra doppja. Ikun hemm numru limitat ta' kmamar *single*, għal dawn irid jitħallas supplement kif indikat fil-programm tal-Pellegrinaġġ partikolari. Jekk ikollna talba għal tlieta f'kamra din tingħata mingħajr skont fil-prezz.
6. Pellegrini jistaqsu biex il-kmamar ikunu ħdejn xulxin. F'dan il-każ il-Kummissarjat jagħmel it-talba lill-maniġment tal-lukanda f'dan ir-rigward, iżda mhux dejjem ikun possibli li jsir dan. Din hi xi ħaġa li l-Kummissarjat m'għandhu l-ebda kontrol fuqha.
7. Tfal taħt it-12-il sena jridu bilfors ikunu akkumpanjati minn żewġ adulti f'kamra biex iħallsu prezz ta' tfal. Jekk it-tfal ikunu ma' persuna adulta waħda biss, ikollhom iħallsu l-prezz tal-kbar.
8. Il-Kummissarjat mhux responsabbli għall-ebda danni ta' trasport żejjed, ikel jew spejjeż tal-lukanda, f'każ ta'strajks jew kwalunkwe kawżi oħra, li l-Kummissarjat ma jkollux kontroll fuqhom.
9. F'każ li pellegrinaġġ jitwal aktar milli programmat, u dan minħabba raġunijiet diversi li l-Kummissarjat ma jkollux kontroll fuqhom, jew f'każ li l-ħinijiet jiġu mibdulin, l-ebda forma ta' kumpens mhi applikabbli.

10. Jekk mhux indikat mod ieħor, l-akkomodazzjoni hi fuq bażi *full board*. Xorb, waqt l-ikel inkluż l-ilma mhux inkluż fil-prezz. Konsum ta' ikel u xorb mil-*mini bar* tal-kamra, telefonati u servizzi oħra mhux speċifikati bħala inklużi fil-prezz tal-Pellegrinaġġ huma r-responsabilità tal-pellegrini u jridu jitħallsu minnhom direttament lil-lukanda jew fornitur.

11. Il-prezz tal-Pellegrinaġġ jinkludi il-biljetti tad-dħul, fejn dan huwa mitlub, kif ukoll kull ħlas ieħor neċessarju waqt il-pellegrinaġġ. Jista' jagħti il-każ li minħabba raġunijiet li ma jkunux taħt il-kontroll tal-Kummissarjat ma nkunux nistgħu nżuru postijiet avżati. Il-Kummissarjat mhux responsabbli jekk titħassar xi żjara minħabba raġunijiet ta' maltemp, terremoti jew nuqqas ta' sigurtà f'kwalunkwe pajjiż relatat mal-Pellegrinaġġ.

12. Il-ħinijiet tat-tluq u ritorn kif indikat fil-programm, jista' jinbidel u dan skont il-linji tal-ajru, ħaġa li l-Kummissarjat m'għandhux kontroll fuqha. Il-Kummissarjat iżomm id-dritt li jista' jbiddel l-itinerarji jew il-lukanda fejn ikun hemm bżonn.

13. Kull pellegrin huwa obbligat iżomm il-ħin u post indikat lilu mil-*leader*/gwida. F'każ li l-pellegrin ma jkunx fil-ħin, il-*leader*/gwida għandu dritt u l-obbligu li jitlaq. Kwalunkwe spejjeż ta' trasport jew *taxis* iridu jitħallsu mill-persuna li ma żżommx il-ħin.

14. Mal-ħlas tad-depożitu, il-pellegrini jridu jipprovdu fotokopja tal-passaport tagħhom lill-Kummissarjat. Kull persuna hija responsabbli għall-kontenut tal-passaport tagħha. Importanti li qabel issiefru taraw li dan id-dokument huwa validu. Għal safar barra minn l-Unjoni Ewropeja, il-passaport ma jridx ikun jiskadi sa sitt xhur wara d-data tar-ritorn mill-Pellegrinaġġ. F'każ li persuna ma titħallhiex issiefer minħabba f'hekk, il-Kummissarjat mhux responsabbli u ma jingħata ebda ħlas lura.

15. Il-prezz tal-Pellegrinaġġi kollha jinkludi assikurazzjoni tal-ivvjaġġar. Pellegrin jista' jkollu assikurazzjoni tiegħu, f'dan il-każ jingħata refużjoni tal-*premium*. Jingħataw refużjoni tal-premium dawk il-pellegrini li jkunu 'il fuq minn 70 sena li ma humiex koperti mill-polza tal-assikurazzjoni li joffri l-Kummissarjat. Kull pellegrini jrid ikun assikurat.

16. Hi r-responsabbilità tal-pellegrin li jkollu E111 – Assikurazzjoni dwar is-Saħħa Ewropeja meta jivvjaġġa fl-Unjoni Ewropeja.

17. Hi r-responsabbilità tal-pellegrin li javża l-Kummissarjat dwar ħtigijiet jew kundizzjoni medika li huma importanti ħafna li jkunu magħrufa. Jekk dan ma jsirx, il-Kummissarjat ma jistax jiggarantixxi li l-pellegrin jingħata is-servizz u faċilitajiet li jkun jeħtieġ.

18. Kanċellazzjoni ta' booking tintlaqa' biss bil-miktub. F'każ ta' kanċellament dawn li ġejjien huma il-penali li jridu jitħallsu:

| **Żmien, qabel id-data tat-tluq li fih tingħata n-notifika ta' kanċellament** | **Penali** |
|---|---|
| 29 ġurnata qabel | Id-depożitu |
| 21 – 28 ġurnata | 50% tal-prezz tal-Pellegrinaġġ |
| 14 – 20 ġurnata | 75% tal-prezz tal-Pellegrinaġġ |
| 13-il ġurnata jew inqas | 100% tal-prezz tal-Pellegrinaġġ |

Jekk ir-raġuni tal-kanċellament taqa' taħt it-termini tal-assikurazzjoni, il-pellegrini ikun jista' jitlob rifużjoni tal-penali, mingħand il-kumpanija tal-assikurazzjoni.

19. Għal dawk il-pellegrinaġġi fejn jintużaw linji tal-ajru *Low Cost*, il-prezz tal-biljett li jrid jitħallas mill-ewwel mal-booking mhux rifondibbli. Staqsu dwar dan il-ħlas fil-mument li jsir il-booking. Din il-penali ma tistax ma titħallasx, minkejja dak li jingħad fin-numru 18 hawn fuq.

Stampar: Best Print Co. Ltd



# Pellegrinaġġi Franġiskani 2023

## Art Imqaddsa u Ġordanja
12 - 22 April

## Art Imqaddsa
20 - 27 Mejju
24 Ġunju - 1 Lulju
19 - 26 Awwissu
9 - 16 Settembru

## Art Imqaddsa u Sinai
8 - 18 Novembru

## Assisi
23 Settembru - 1 Ottubru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt

**BOOKING JIFTAĦ NHAR**
**it-Tnejn 9 ta' Jannar 2023**